MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2004

Numru. 79/2004

Il-Pulizija
(Spettur Kevin J Farrugia)
vs
Giovanni Maria Sammut

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Giovanni Maria Sammut, detentur tal-karta tal-idenita bin-numru 490740(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fil-25 ta’ Marzu, 2002 bhala l-proprjetarju jew amministratur responsabbli jew konsumatur tal-fond numru 5, Triq San Frangisk Hamrun, b’diversi atti maghmulin minnu b’rizoluzzjoni wahda fi zminijiet differenti, b’mezzi qarrieqa li bihom jista jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter, tal-kwantita mehduda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi u b’hekk ikkommetta serq ta’ dawl elettriku ta’ LM 244.35.0 ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta, liema serq huwa ikkwalfikat bil-mezz, hin u bil-valur u dan ai termini tal-

Artikoli 18, 261, 263, 264 (2), 267, 279 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar taht l-istess cirkostanzi ikkommetta hsara volontarja fuq meter tad-dawl tal-marka Ferranti bin-numru 9431687, liema hsara ma teccedix l-LM50 liri Maltin u dan bi ksur tal-artikoli 325 (d), 326 (c ) u (f) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta ghad-dannu tal-Korporazzjoni tal-EneMalta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tal-10 ta' Marzu, 2004, meta kienu qed isirulu l-mistoqsijiet skond l-Artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kodici Kriminali.

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu issibu hati ta' dawn l-imputazzjonijiet kollha u dana wara illi rat l-Artikoli 18, 261 (e), 261 (c), 261 (f), 263, 264, 265, 266, 267, 27(a), 278, 279, 280, 283, 325 (1) (c), 326 (1) (c), u 326 (1) (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta hlief ghal zewg kontravenzjonijiet tat-traffiku, il-fatt illi irregistra ammissjoni u b'hekk evita illi issir il-kumpilazzjoni, kif ukoll il-fatt illi Ian Vella, Ufficjal tal-Korporazzjoni EneMalta xehed illi l-imputat hallas l-ammont kollu dovut minnu lill-Korporazzjoni EneMalta u illi l-Korporazzjoni EneMalta ma ghandha l-ebda pretensjoni ulterjuri fil-konfront tieghu. Ghaldaqstant il-Qorti ma tarax illi piena karcerarja tkun idoneja ghall-akkadut u tara illi jkun ferm aktar ta' beneficcju kemm ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta' in

generali illi l-imputat jinghata opportunita ohra sabiex jirriforma hajtu.

Ghaldaqstant wara illi l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 filwaqt illi tilliberah tobbligah illi ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien tmintax il-xahar mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------